MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 2087/2002

**Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom tal-kumpanija estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha John Said u l-istess John Said**

**vs**

**David Spiteri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Settembru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u hdax-il lira Maltija u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm311.27), u fejn intqal:**

**1. Illi fit-8 ta' Gunju, 2001 l-attur kien qed isuq il-vettura tieghu ABH-935, assikurata mal-kumpanija attrici, fi Triq is-Siggiewi fid-direzzjoni ta' Haz-Zebbug, isegwi l-vettura LCK-292 misjuqa mill-konvenut. Din**

**f'daqqa wahda waqfet u waqt li l-attur kien qed jghaddiha ghamlet U-turn u b'dan il-mod ikkagunat il-kollizzjoni;**
**2. L-atturi ma thallsux mill-konvenut is-somma dovuta lilhom bhala danni li kienu jammontaw b'kollox ghal tlett mija u hdax-il lira Maltija u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm311.27), kwantu ghal mitejn sitta u tletin lira Maltija sebgha u ghoxrin centezmu (Lm236.27) sburzati mill-kumpanija attrici taht il-polza u kwantu ghal hamsa u sebghin lira Maltija (Lm75.00) imhallsa mill-attur minn butu;**
**3. Ghalhekk l-atturi jitolbu li l-konvenut jigi kkundannat li jhallas in linja ta' danni is-somma ta' tlett mija u hdax-il lira Maltija u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm311.27) kwantu ghas-somma ta' mitejn sitta u tletin lira Maltija sebgha u ghoxrin centezmu (Lm236.27) lill-kumpanija attrici li sburzathom taht il-polza, u kwantu ghal hamsa u sebghin lira Maltija (Lm75.00) lill-attur li baghtihom minn butu, prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-imsemmija kollizzjoni;**
**4. Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Dicembru, 2001, u bl-imghax ta' 8% fis-sena mid-data ta' dan l-avviz tat-talba kontra l-konvenut imharrek ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Mula ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-artikolu 13 (b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu ghall-incident in kwistjoni kien unikament responsabbli l-konvenut, it-Tribunal qed jilqa' t-talba ta' l-atturi, u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn sitta u tletin lira Maltija sebgha u ghoxrin centezmu (Lm236.27) lill-kumpanija attrici, kif ukoll is-somma ta'**

**hamsa u sebghin lira Maltija (Lm75.00) lill-attur; ilkoll bl-imghax legali mis-27 ta' Dicembru, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Dicembru, 2001, ghandhom jigu sopportati kollha mill-konvenut.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------